**Maħbub tal-Mulej**

Bniedem t'Alla li ħdimt bi mħabba
Fl-għalqa tal-Missier b'kura kbira,
L-eżempju tiegħek waħdu tħaddet
Għalhekk illum nagħtik tislima.

Ix-xhieda tiegħek fl-isptar tagħna
Għadha titħaddet ma' bosta qlub,
Il-kelma li tfarraġ ta' fommok
Quddiemha l-aktar qalb iebsa ddub.

U ddub, iddub għal Kristu Sidna
Li int tant urejtulna b'ragħaj,
Biżżejjed il-preżenza tiegħek
Li kienet tfakkarna li hu ħaj.

Ħabbejt minn qalbek 'l-poplu t'Alla
Ikkurajt bi ħlewwa l'min muġugħ,
Wiżint lil min waqa' u tkaxkar
U kemm tmajt minn qalbek nies bil-ġuħ.

Imxejt ma' bosta saċerdoti
Lilna dejjem tajt kelma ta' ġid,
Dik imħabbtek bil-wisq miftuħa
Baqa' tiddi fik anki marid.

Kont ta' spalla għal omm żgħażugħa
Kont missier għal min ħassu 'l bogħod,
Kont ħu għal min fil-mininsteru
L-umiltà tiegħek tibni mhux tħott.

Għażiż ħija, Dun Pawl ħabibi
Strieħ fis-sema u ibqa' għaddej,
Ressaqlu 'l ħafna qlub mifxula
Ħudhom b'l-gzuz maħbub tal-Mulej.

Patri Mario Attard OFM Cap
24 ta' Ġunju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.